## Kelmtejn minn Fr Krystof L-Amministratur Parrokkjali

Dan il-Ħadd għandna grupp ta' 42 student minn tagħna li qed jitħejjew permezz ta' rtir sabiex nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju jirċievu l-Griżma tal-Isqof: mument ieħor għażiż li fih **Alla qed jikkonferma, permezz tal-Knisja, illi dawn uliedna huma wkoll uliedu l-maħbuba** li qed jitgħaxxaq bihom. Jiġifieri li dak li qal il-Missier fil-Magħmudija ta' Ġesù (ara Mk 1,11) qed jerġa' jgħidu lilhom biex ineħħu minn moħħhom dak id-dubju jekk iħobbhomx jew le! Tant huma għeżież għalih dawn uliedna li ser jimliehom b'dak kollu li għandu: ser jagħtihom id-doni tal-Ispirtu Qaddis tiegħu: l-Għerf, il-Fehma, il-Kunsill, il-Qawwa, ix-Xjenza, il-Pjetà, il-Biża' ta' Alla. Ejjew mela, ngħinuhom aħna stess, biex dawn ir-rigali li Alla ser jagħtihom, jużawhom u jgawdu minnhom tant li jħallu l-frott: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba u l-fidi (ara Gal 5,22). Issa li dħalna fix-xahar tal-festa, żgur ser naħdmu iktar ma' xulxin, u għandna ċ-ċans biex inħaddmu d-doni tal-Ispirtu ta' Alla u nħallu frott tajjeb bejnietna u quddiem kulħadd. **Jiġifieri ejjew nuruhom kif inħaddmu l-ħsieb ta' Alla u nħallu dan ir-riżultat**: inkunu nies li nafu nħobbu, li noħolqu l-hena madwarna u nġibu s-sliem, li jkollna s-sabar u l-ħniena ma' xulxin, li nuru tjubija ma' kulħadd u nnisslu iktar sens ta' fidi f'Alla u fiduċja f'xulxin.




**ĦINIJIET U ĠRANET - MUSEUM TAS-SUBIEN:** minn nhar it-Tnejn 10 ta' Ġunju t-tfal tal-primarja kollha, minn Year 1 sa Year 6, ser jibda jkollhom nhar ta' Tnejn u Ħamis. Il-grawnd jinfetaħ fis-6.15pm u l-lezzjonijiet ikunu bejn is-6.45pm u s-7.15pm. Li ser jinbidel hu li ta' Years 2, 4 u 6 ser jibdew nhar ta' Tnejn u Ħamis minflok it-Tlieta u l-Ġimgħa. Għal tas-sekondarja jibqa' kollox l-istess.

**AVVIŻI:**

Nhar it-Tnejn 10 ta' Ġunju, fis-7.30pm fis-sala Ġużepp u Rita Mizzi taċ-Ċentru Parrokkjali ser tinżamm it-tielet laqgħa tal-**Kumitat Ċentrali tal-Festi Esterni** li hu ffurmat mill-għaqdiet kollha tal-Armar, taż-Żgħażagħ, tan-Nar u tal-Banda, flimkien ma' xi membri mill-Kunsill Lokali u mis-Saċerdoti tal-parroċċa tagħna. Tajjeb li lkoll kemm aħna napprezzaw il-ħila u l-isforzi kollha li qed jagħmlu huma sabiex ikollna festa sabiħa u organizzata b'mod li tkun sinjal ta' għaqda fost in-Nadurin kollha. Importanti wkoll li f'dawn il-jiem nikkollaboraw magħhom fix-xogħol li qed jagħmlu għall-festa tagħna.

Nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju fil-5.30pm fil-knisja ser ikun hemm il-**prova ġenerali għall-istudenti kollha li ser jirċievu l-Ġriżma**.

Nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju, se ssir **laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**, fil-knisja Bażilika. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha l-Kan. D. George Frendo (mill-Belt Victoria) ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6.15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**IL-QARI FIL-QUDDIES TA' ŻMIEN IL-FESTA**

Bħala parti mit-tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Knisja fi żmien il-festa, sejrin inlaqqgħu lil-letturi kollha tal-parroċċa tagħna, nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju fis-7.30pm, fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku. Dakinhar ser jingħataw xi direttivi liturġiċi u jingħażlu dawk li sejrin jaqraw fil-Quddies.

**LAQGĦA GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWĠA**

Dun Krystof Buttigieg qed jistieden lill-koppji miżżewġa li qed jagħlqu l-anniversarju taż-żwieġ tagħhom għal taħdita dwar 'Ir-relazzjoni tal-koppja b'saħħitha fil-familja' nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju 2024 fil-5:30pm, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am